MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 1174/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**CHRISTOPHER CARDONA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Cardona ta’ 49 sena, iben Renato u Anna nee’ Pullicino, imwieled Sliema, nhar is-17 ta’ Frar, 1961 u residenti 149, Poinsette, Triq Ganu, Birkirkara detentur ta' karta ta' l-identita' 0153261(M)

Gie akkuzat talli nhar id-09 ta' Novembru, 2010 ghal habta ta' '17:30 Hours', gewwa l-numru 146, Poinsette, Triq Ganu, Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il- Gzejjer Maltin;

(i)ikkaguna feriti ta' natura gravi *per durata* fuq il-persuna ta' Jacqueline Cardona, li ghandha numru tal-karta tal-identita' 0181468(M), skond kif iccerifika Dr. Louise Gatt M.D. Reg. No. 2189 tal-isptar Mater Dei.

(ii) hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna, lil martu Jacqueline Cardona li ghandha numru tal-karta tal-identita' 0181468(M), jew lil haddiehor,

(iii) Bl-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor u dan lil Jacqueline Cardona li ghandha numru tal-karta tal-identita' 0181468(M), beza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet u dan ai termini tal-artikolu 251 B. (1) tal-Kap 9

(iv) Gab ruhu b'tali mod li taha fastidju lil Jacqueline Cardona li ghandha numru tal-karta tal-identita' 0181468(M),, b'mod li jkun jaf jew kien missu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuni taghhom.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' lil Jacqueline Cardona li ghandha numru tal-identita' 181468(M) u torbot l-imputat Christopher Cardona b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni a terminu tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (Ara fol. 54 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 218, 222, 251A, 339(1)(d) u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Cardona, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Christopher Cardona ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Christopher Cardona jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Christopher Cardona b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 800 li jzomm il-kwiet ma' Jacqueline Cardona ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Cardona l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------